MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2023/2004

**Emanuel u Catherine konjugi Zahra**

**Vs**

**Carmelo u Adolpha konjugi Desira**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm327.71c) rapprezentanti s-sehem dovut mill-konvenuti ta' l-appogg u dan stante li l-konvenuti bnew u appoggaw mal-hajt tal-bini ta' l-atturi u dan kif jirrizulta mill-istima tal-perit li tinsab annessa ma' l-Avviz.
Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai terminu ta'

l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m'ghandhom ihallsu xejn lill-atturi ghal dak mitlub minnhom fit-talba taghhom.

Sema' x-xhieda ta' Emanuel Zahra, Catherine Zahra, Carmelo Desira u ta' Adolpha Desira.

Ra l-verbal irregistrat fit-18 ta' Mejju, 2005 li minnu jidher li l-konvenuti ezentaw lill-Perit Victor Torpiano milli jikkonferma l-istima tieghu esebita a fol 2 tal-process.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Deborah Mifsud Attard ghall-atturi u ta' Dr Paul Farrugia ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-post 7, Triq Sant' Agata, Zejtun kien jappartjeni liz-ziju tal-konvenuta u kienu saru xi xoghlijiet ta' zvilupp fuq din il-proprjeta' ghall-habta tal-1981/1982 liema xoghlijiet fizikament saru mill-attur Emanuel Zahra.

Ftit tas-snin wara, cjoe' ghall-habta tas-sena 1988, il-konvenut ghamel xoghlijiet ta' zvilupp fuq il-proprjeta' tieghu adjacenti numru 8, Triq Sant' Agata, Zejtun u appogga ma' parti mill-izvilupp li kien ghamel ftit tas-snin qabel l-imsemmija ziju, cjoe' Anglu Galea.

L-atturi jsostnu illi meta sar dan, in-nisa cjoe' l-attrici u l-konvenuta kienu jitkellmu bejniethom u li l-konvenuta kienet tghid illi ghalkemm kienu lesti li jhallsu, riedu aktar zmien ghax ma kellhomx flus u fil-fatt eventwalment gie allegat li qalet li kienu ser ihallsu meta l-post taghhom kien ser jinbiegh.

Il-konvenuti emfatikament jichdu li qatt ammettew ir-responsabbilta' li jhallsu tali appogg u sahansitra anki jghidu illi fil-fatt, meta huma ghamlu l-izvilupp taghhom fil-1988 huma kienu tkellmu ma' l-imsemmi Anglu Galea u Anglu Galea ma riedx kumpens ghall-appogg u dan billi huwa kien iddemolixxa hajt divizorju li kien wiesgha hafna u meta tella' l-hajt bis-singlu mill-gdid, zamm iz-zejjed tal-

wisa' fuq in-naha tieghu u ghalhekk kien qal illi l-appogg kien imhallas bil-fatt li huwa kien ha dik id-differenza tal-wisa' tal-hajt.

Illi certament hemm kunflitt bejn dak li qalu l-atturi u dak li qalu l-konvenuti.

Inoltre, l-konvenuti qieghdin jghidu wkoll illi fil-fatt il-proprjeta' in kwistjoni ddonawha lil binhom xi hmistax-il sena ilu u kien binhom li biegh il-proprjeta' xi tlett snin ilu.

Jirrizulta wkoll illi fil-fatt fil-mument li sar l-appogg min-naha tal-konvenuti mal-proprjeta' li llum hija ta' l-atturi, dak iz-zmien il-proprjeta' ma kienetx proprjeta' ta' l-atturi izda kienet proprjeta' ta' l-imsemmi Anglu Galea.

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li fil-fatt ix-xoghlijiet saru mill-konvenuti fl-1988 u ghalhekk iz-zmien kontemplat fl-Artikolu 2156 (f) citat mill-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom altru milli ghadda, izda l-atturi qieghdin isostnu illi l-perjodu gie nterrot billi qed jallegaw li l-konvenuti ammettew ir-responsabbilta' ghall-hlas.

It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenuti ammettew ir-responsabbilta' ghall-hlas.  Hemm kunflitt serju bejn dak li qalu l-atturi u dak li qalu l-konvenuti u stante li huwa ghall-atturi biex igibu l-prova relattiva, in vista ta' tali kunflitt, it-Tribunal m'ghandux alternattiva li jikkonkludi illi tali allegazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi akkolta.

It-Tribunal jista' jieqaf hawn izda jidhirlu li ghandu jzid ukoll illi anki fil-mertu ma jidhirx li t-talba ghandha tigi milqugha u dan billi m'huwiex verosimili illi appogg li gie ppratikat mill-1988 jintalab li jigi kkumpensat fil-2004 minghajr ebda formola ta' interpellanza jew ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.  Huwa minnu li l-partijiet huma girien u kienu hbieb izda, t-Tribunal jidhirlu illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-konvenuti li ma kellux jithallas appogg in vista tal-fatt li Anglu Galea kien bena hajt singlu minflok hajt divizorju li kien ferm ehxen u li kien

ha d-differenza tal-wisa' ghalih hija plawsibbli w anki verosimili.

Illi ghalhekk anki fil-mertu, t-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti w inoltre, jiddikjara li t-talba ta' l-atturi ma gietx debitament ippruvata fil-mertu, jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------